

Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-Amalgamazzjonijiet mogħtija fil-laqgħa tat-2 ta' Ottubru 2008 rigward abbozz ta' deċiżjoni dwar Każ COMP/M.4919 – StatoilHydro/ConocoPhillips

Relatur: Il-Litwanja

(2009/C 201/04)

1. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-operazzjoni nnotifikata tikkostitwixxi konċentrazzjoni skont it-tifsira tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004.
2. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-evalwazzjoni kompetittiva tiffoka biss fuq is-swieq għall-bejgħ bl-imnut u kombustibbli tal-magni (fil-livell downstream)
3. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mad-definizzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-swieq rilevanti ta':
 - (a) bejgħ bl-imnut ta' kombustibbli tal-magni fl-Isvezja;
 - (b) bejgħ bl-imnut ta' kombustibbli tal-magni fin-Norveġja;
 - (c) bejgħ bl-imnut ta' kombustibbli tal-magni fid-Danimarka;
4. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-operazzjoni nnotifikata ma tqajjem l-ebda ħsibijiet ta' kompetizzjoni rigward is-suq Daniż għall-bejgħ bl-imnut ta' karburanti tal-magni.
5. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-konklużjoni tal-Kummissjoni li t-tneħħija tal-Jet Sweden bħala kompetitur indipendenti u l-amalgamazzjoni taġgħha mal-akbar operatur fl-Isvezja tqajjem dubji serji dwar il-kompatibbiltà tal-operazzjoni nnotifikata mas-suq komuni.
6. Il-Kumittat Konsultattiv jaqbel mal-konklużjoni tal-Kummissjoni li t-tneħħija tal-Jet Norway bħala kompetitur indipendenti għandha timpedixxi f'kuntest ta' ostakli għad-dħul li huma relattivament kbar u li jqajmu dubji serji dwar il-kompatibbiltà tal-operazzjoni nnotifikata mas-suq komuni u l-Ftehim ŻEE.
7. Il-Kumittat Konsultattiv jaqbel mal-konklużjoni tal-Kummissjoni li r-rimedji proposti għandhom ineħħu d-dubji serji tal-Kummissjoni dwar il-kompetizzjoni fis-suq Svediż għall-bejgħ bl-imnut ta' kombustibbli tal-magni.
8. Il-Kumittat Konsultattiv jaqbel mal-konklużjoni tal-Kummissjoni li r-rimedji proposti għandhom ineħħu d-dubji serji tal-Kummissjoni dwar il-kompetizzjoni fis-suq Norveġiż għall-bejgħ bl-imnut ta' kombustibbli tal-magni.
9. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li, skont il-konformità sħiħa mal-impenji mressqa mill-parti nnotifikata, il-konċentrazzjoni nnotifikata għandha tkun iddikjarata bħala kompatibbli mas-Suq Komun u mal-Ftehim ŻEE skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 u l-Artikolu 57 tal-Ftehim ŻEE.